# Il-Ħadd 5.01.2020

1. Illum 5/01, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha nilqgħu is-Slaten Maġi.

2. It-Tnejn 6/01:
   - Terġa' tibda d-duttrina fil-ħinijiet u l-ġranet tas-soltu.

3. Is-Sibt 11/01:
   - Fil-5:30pm - Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji li żżewġu matul din is-sena, 2019.

4. Il-Ħadd 12/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

5. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw xi affarijiet tal-ikel f'inizjattiva ta' karità, biex ngħinu lill-persuni fil-bżonn. Imlejna 6 kaxxi.
   - F'isem id-Direttur u l-Istaff tad-Dar tal-Provvidenza nirringrazzjawkom tal-għotja sabiħa li għamilna bħala parroċċa li kienet € 1,250 (€ 50 minnhom mill-Każin San Pawl). Dan kollu minn ġabra waħda u diversi donazzjonijiet li baqgħu deħlin nhar l-ewwel tas-sena. Grazzi u prosit tal-ġenerożita' tagħkom.
   - Mit-Tlieta 7/01 sal-Ħamis 9/01, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq minħabba li bħala Kappillan, jien fid-dmir li nkun preżenti għal-Live-In tal-Kappillani li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat.
   - Bi ħsiebna nagħmlu ordni oħra ta' ritratti u frames li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl restawrata. Min hu mħajjar jordna jinfurmani mill-aktar fis.
   - Il-Kor 'Sine Macula' qed jistieden lil min għandu interess fil-mużika u fil-kant biex jagħmel prova ċkejkna ħalli jissieħeb miegħu bħala membru ġdid. M'hemmx għalfejn għarfien sħiħ tal-mużika f'dan l-istadju. L-għarfien u t-taħriġ jingħataw b'xejn ladarba jkun hemm sħubija.
     Min hu interessat javviċina lil Mro Alexandra Borg (Email: alexe@maltanet.net)
     jew jinforma lill-Kappillan (Email: parrocca.safi@maltadiocese.org / Tel.: 21 649 223)
     sabiex jingħata aktar dettalji.

6. Nitolbu għal Mose Sacco, David Mangion, u Ġuża Vella li għaddew għal ħajja ta' dejjem. Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...